ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 20 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 17 ta' Marzu 2014 fil-5.00pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillieri | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) Skeda ta' Ħlas Jan/Frar/parti minn Marzu 2014

   b) Petty Cash Jan/Frar 2014

   c) Audited Financial Statements
5. *Performance Bonus*;
6. Il-Karnival;
7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

ĦAL GĦAXAQ

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduti Nru 18 u 19 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, huwa ppropona li jkunu addottati.

Issekondat il-Viċi Sindku Vassallo u l-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**

a. Dwar it-talba għall-arblu mill-Għaqda ta' San Gużepp, is-Sindku qal li ser issir laqgħa maż-żewġ Għaqdiet tar-Raħal biex tinstab soluzzjoni.

b. Dwar il-kowtazzjonijiet tal-*Online Streaming* il-Kunsill għadu qed jistenna risposta mid-Dipartiment dwar dan.

c. Dwar l-estensjoni tal-irtirar tal-pensjoni tas-Segretarju Ezekuttiv s-Sinjura Therese Xuereb, wara li saret diskussjoni żgħira l-Kunsill qabel li din tiġi estiża għal sena oħra biex hi tkompli tgħin il-Kunsill fi proġetti li hemm u wara jsiru l-proċeduri skond ir-Regolamenti biex jinħatar Segretarju ġdid.

d. Dwar l-iskips, il-Viċi Sindku qal li l-purtinari ta' l-iskola jkunu xogħol fis-7.30am u jistgħu joħorġu l-iskart ta' l-iskola mill-bieb ta' wara ħdejn il-librerija, w għaldaqstant kif kien ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti ma jkunx hemmx il-ħtieġa ta' skip ġo l-iskola.

Is-Sidku qal li peress li s-Sibt li skola ma jkun hemm hadd, li skart ma jkunx jista jinhareg il-Gimgha filghaxija w jghamel weekend li skola. Minhabba li l-iskola ikkooperat mall-Kunsill f'certi affarijiet, min-naha tal-Kunsill ghanda issir ghajnuna.  Il-Kunsill qabel.

**3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta  u e-mails):-**

1. Bagħatu wkoll dwar Memo 6/2014 – Dwar Ħaddiema tal-IPSL, ex-WSC u tal-Iskemi tal-ETC sabiex nibdew nimlew il-*monthly returns* u jintbagħatu lid-Dipartiment. Is-Segretarju qalet li dawn il-ħaddiema qed jieħu ħsiebhom is-Sindku.

Bagħatu wkoll dwar il-varar tal-benefiċjarji tal-Iskema ta' Finanzjament għall-Attivitajiet Kulturali li ser isir fl-24 ta' Frar, 2014, fis-Sala Isuoard il-Belt Valletta għal attivita' *Ghaxaqfest bil-Kulura u Snajjietu* ser jingħata s-somma ta' € 1,500.

.

ĦAL GĦAXAQ

Infurmaw li l-*vacation leave* tas-Segretraju Eżekuttiv ġew approvati mid-Dipartiment.

Irċevejna dwar *derelict vehicles impounded by Local Councils*, dawn ir-Regolamenti ġew mibgħuta min TM, sabiex kulħadd jimxi magħhom.

2. Mingħand l-AKL irċevejna dwar laqgħa għas-Sindki fil-21 u 22 ta' Marzu, 2014, ġewwa lukanda *Dolmen* il-Qawra. Għal din il-laqgħa l-Ġimgħa ser jattendu s-Sindku u l-Viċi Sindku w s-Sibt ser jattendi s-Sindku.

Infurmaw wkoll dwar *European Youth Event* fi Strasburgu – bejn id-9 u l-11 ta' Mejju, 2014, fejn ser tingħata opportunita' lill-10 kunsillier żagħżuġħ / a sabiex jattendi għal din l-attivita'. L-applikazzjonijiet għalqu fit-12 ta' Frar, fil-5p.m.

Bagħatu wkoll dwar Ambaxxaturi minn barra l-lokalita'.

3. Mill-MEPA dwar applikazzjoni PA/00193/14 – dwar *change of use* minn class 4 għal 11 Dawret Ħal Għaxaq k/m Triq il-Pitirross ( Josef Desira).

Applikazzjoni oħra PA/00216/14 – dwar tibdil intern u kostruzzjoni ta' *pool* u tieni sular fi Triq iż-Żejtun ( Francesca Abela).

Applikazzjoni oħra PA/00367/14 – dwar Proposti għal tibdil u zieda ta' bini eżistenti fi Triq San Pawl ( Patrick Ellul).

Infurmaw ukoll dwar Reviżjoni Parzjali għall-*Policy* dwar l-Ippjanar fl-area tal-Millieri sabiex tiġi emendata l-kundizzjoni li tirregola l-limitazzjoni tal-għoli tas-sit, stabbilit fil-PC 71/07, billi tellimina l-kundizzjonijiet ta' ebda *penthouses* m'huma permessi fuq is-sit u ebda washrooma m'huma permessi. Bħala risposta għal dan il-Kunsill talab sabiex qabel ma dawn jitneħħew jiġi spjegat eżatt xi jkun ser isir.

4. Mid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi – kopja dwar il-ftehim sabiex jintużaw il-faċilitajiet tal-Iskola.

5. Mill-Kunsill Lokali Zejtun dwar Sejħiet għall-Offerti/Kuntratti dwar Manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq li saret fis-7 ta' Frar, 2014 li għaliha attendiet is-Segretarju Eżekuttiv.

6. Mingħand il-Perit Marvin E;lul fejn bagħat ir-rapport dwar l-*Embellishment Works* tal-*footpaths* tax-Xagħra.

7. Mill-Universita' ta' Malta dwar V.18 fejn infurmaw li sal-aħħar ta' din is-sena ser iżuru l-lokalitajiet sabix jiġbru x'informazzjoni relatata *European City of Culture*. Is-Sindku qal li ser issir laqgħa mas-Sur Jeremy Azzopardi nhar it-Tlieta 18 ta Marzu 2014 fl-10.30am.

ĦAL GĦAXAQ

8a plenarja

. Mingħand TM fejn infurmaw li ma jsibux oġġezzjoni għal *double yellow lines* faċċata tal-garaxxijiet fi Triq San Filippu k/m Triq San Filippu Sqaq Nru. 1.

Irċevejna wkoll dwar rapport għal *reserved parking* fi 4, Savic, Triq G. D'Arena.

9. Mingħand Reġjun Nofsinhar infurmaw li ser issir il-laqgħa fit-18.02.2014 fl-4:30 p.m., għal din il-laqgħa ser jattendi l-Viċi Sindku.

Irċevejna dwar l-attiviatjiet tal-Karnival li Reġjun ser joħroġ 50% tal-ispejjeż tal-wardens.

Mill-Kumitat Konġunt fejn irċevejna ħlas ta' € 186.35 li jkopri depożiti ta' ċitazzjonijiet.

10. Mill-Gal Xlokk dwar M 413.A1B – *The Setting of a Tourist Hub*, din is-sejħa ser tagħlaq fit-28 ta' Frar, 2014.

Infurmaw ukoll dwar M 421 – MeDIETerranean b'kollaborazzjoni mal-Italja l-għan prinċipali huwa sabiex tiġi promoted id-dieta Mediterranja. Din l-applikazzjoni tagħlaq fis-7 ta' Marzu, 2014 sa nofsinhar. Bagħatu wkoll reminder dwar l-applikazzjonijiet.

11. Mingħand *Door Numbering Unit*, fejn għarrfu li Sqaq Mikiel ġie approvat un deher fil-gazzetta tal-Gvern tal-31.01.2014, sabiex titwaħħal tabella tal-isem tal-isqaq. Il-Kunsill qabel li ssir tabella.

Dwar l-istess sqaq hemm talba sabiex isiru żewġ mirja faċċata tal-isqaq u l-isem bħala ndikazzjoni. Il-Kunsill qabel li jsiru dawn iż-żewġ mirja.

12. Mingħand *Acrosslimits* dwar *Endkist Digital Story Telling Competition*.

13. Mingħand *Malta Council for the Voluntary Section* dwar laqgħa ġewwa Ħal Għaxaq flimkien mal-għaqdiet lokali fejn qed jissuġġerixxu li din isir fis-17 ta' Marzu, 2014 filghaxija.

14. Mingħand l-Uffiċċju tad-Deputat Kummissarju dwar Laqgħat mal-Kunsilli Lokali dwar is-'Sigurta' fil-Komunita'

15. Mingħand Aġenzija Żgħażagħ dwar *Youth Local Councils Launch*, fejn saret Konferenza fil-15 ta' Frar, 2014. Għal din il-laqgħa attendiet l-Ambaxxatriċi w se tgħarrafna x'intqal f'laqgħa oħra.

16. Mingħand is-Sur C. Agius Segretarju Għaqda Filantropika Ħal Għaxaq, fejn talab sabiex il-laqgħat tal-għaqda jibdew isiru ġewwa l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

ĦAL GĦAXAQ

17. Mingħand is-Sur Spiteri fejn bagħat kwotazzjoni tal-*Big friends guggen musik* li tagħmel *show parade* għal Karnival 2014 bil-prezz ta' 1,000 Euro.

18. Mingħand is-Sur Busuttil fejn ilmenta dwar *traffic sign* fi Triq Ta' Loretu k/m Triq it-Telleritu, fejn qed jgħid li peress Triq ta' Loretu saret *one-way* qed tkun diffiċli għar-residenti li joqogħdu hemm sabiex joħorġu fil-Bypass. Qed jitolbu li parti minn Triq ta' Loretu ma tibqax one-way biss għar-residenti u għal dawk li jagħtu servizz bħal tal-gass u tal-ħobż. Il-Kunsill qabel li javża lis-Sur Busuttil li d-deċiżjoni tal-*one way* ta' Triq Loretu ittieħdet minn *Transport Malta*.

19. Mingħand l-HSBC fejn infurmaw li peress li firmatraji ġew mibdula minn kif kienu qabel. Huwa ta' ħtieġa għalihom li jkollhom id-dettalji tal-membri tal-Kunsill kollha bil-firem u wkoll tal-firmatrji iunkluża.

20. Mingħand *Printwell Ltd*. fejn infurmaw li l-prezz ta' 8 sinjali ta' indikazzjoni "*Għaxaq FC*" huwa ta' 15 Euro il-waħda. Il-Kunsill qabel li jinxtraw 4 sinjali.

21. Mingħand is-Sur Borg fejn infurma li ser isir Maratona bir-roti bejn l-14 u s-16 ta' Marzu, 2014, fejn qed jitolbu sabiex il-Kunsill jgħin billi tingħata donazzjoni bi flus sabiex kull skola jkolla *Automated External Defibrillator*. Il-Kunsill qabel li jagħti donazzjoni ta' €50 għal dan l-għan nobbli.

22. Irċevejna kwotazzjonijiet għal *litter bins* mingħand
Andrew Vassallo € 198;
ACMA € 250;
F.Cordina & Sons Ltd. € 220
Uskin Ltd. € 245.

Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li jagħżel il-kwotazzjoni ta' Andrew Vassallo dik ta' €198.

Mingħand MF Electrics kwotazzjoni ta’ lampi għan-niċċa tal-Madonna li jammontaw għal €163.22. Il-Kunsill qabel li dawn huma prezz tajjeb u jistgħu jinxtraw

23. Mingħand is-Sur C. Grixti tal-Enemalta fejn għarraf li hemm bżonn tiġi rranġata it-triq ta’ fejn għandhom is-sub-station lejn Ħas Saptan. Is-Sindku qal li kiteb lis-Sur Grixti w qallu li l-Kunsill qed jistenna li jikseb fondi biex jnaddaf u jagħmel il-*patching* f’din it-triq.

24. Ittra mingħand is-Sur Pulis sabiex jgħola ftit ir-riflettur li hemm ħdejn il-kappella ta’ San Filippu ħalli l-kappella tgkun aktar mixgħula u d-dawl ma jiġix għal ġo sewwieqa. Il-Kunsill qabel lid an isir.

ĦAL GĦAXAQ

25. Mingħand is-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilita’ u Anzjanita’ Attiva, sabiex jittieħed sehem fil-premju *A+ Accessibility Award*.

26. Mingħand *NSTF Science*, dwar is-Science Art Contest bejn il-5 u t-12 ta’ April, 2014. Il-Kunsill qabel li kif sar dejjem dawn jingħataw ktieb li jkunu jinħtieġu.

27. Mill-ETC infurmaw li mil-24 ta’ Frar, 2014, is-Sinj. Annalise Bouvett ser tibda taħt l-Iskema CWS.

28. Ir-Reġjun għarrfuna li għaddiet mozzjoni biex kull Kunsill jista’ jorganizza attivita’ fil-Librerija Lokali fejn f’din l-attivita’ l-President tar-Reġjun is-Sur Jesmond Aquilina jippreżenta Eur 1,000. Il-Kunsill qabel li jieħu sehem f’din l-attivita’ u l-Kunsillier Schembri qalet li se torganizza attivita’ billi n-nanniet jaqraw stejjer lit-tfal. Il-Kunsill qabel.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Infurmajna lir-Reġjun Nofsinhar li għandna bżonn is-servizz tal-green wardens bejn it-8 u d-9 ta’ Frar, 2014 ħdejn l-area ta’ Bir id-Deheb u l-BOV viċin tal-iskips bejn 3:00 p.m. u t-8:00 p.m., Fejn ġew trasferiti għal *weekend* ta’ wara i.e.15 u 16 ta’ Frar, 2014.

c) Ittra lis-Sur Bezzina, fejn ġie nfurmat li l-kuntratt tal-knis ittermina fit-28 ta’ Frar, 2014.

## 4. <u>Materji Finanzjarji</u>

a. *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Jannar w Frar 2014, li kienu jammontaw għal €123.89 u €70.90 rispettivament. Is-Segretarju qrat l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju talbet li tiġi kkumpensata b'€194.79 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Agius.

b. *Skeda ta' Ħlas –Frar – Marzu 2014*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Frar – Marzu 2014 u li jammontaw għal €24,878.08 rispettivament. Is-Segretarju qrat il-lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mis-Sinjura Schembri. Il-Kunsill qabel unanimament.



c. *Audited Financial Statements:* Is-Segretarju qalet li l-*Accountant* ċempel u ma ġiex għal laqgħa minħabba raġuni valida personali. Għaldaqstant is-Segretarju ser terġa' tikkuntattjah biex jinfurmana bis-sitwazzjoni.

## *5.* Performance Bonus

Is-Segretarju qrat il-*Performance Bonus* li tħejja għal l-iskrivana għat-tnax il-xahar li għaddew u qalet li hi tirrakomanda li tingħata 6%. Wara li ġie spjegat il-kontenut tar-rapport, is-Sur Vassallo, sekondat mis-Sinjura Agius, ippropona li l-iskrivana tingħata il-bonus ta' 6% u l-Kunsill qabel.

F'dan li stadju s-Segretarju ħarġet mil-kamra waqt li kien qed jiġi evalwat l-*Performance Bonus* tagħha. Is-Sindku spjega l-kontenut u s-Segretarju rritornat fil-kamra fejn ġiet mgħarrfa li ser tingħata 10%, is-Segretarju flimkien mal-iskrivana rringrazzjaw il-Kunsill.

## 6. Il-Karnival ġo Ħal Għaxaq

Il-Kunsillier Fenech li ħa ħsieb l-organizzazzjoni tal-Karnival qal li l-Ħadd is-serata tħassret minħabba l-maltemp.

Qal ukoll li t-Tnejn is-serata saret u kien hemm kummenti u suġġerimenti tajbin ħafna. Qal li kien hemm konkorrenza kbira w n-nies baqgħu sa l-aħħar sa kemm ingħataw il-premjijiet. Kompla jgħid li t-Tlieta saret il-Qarċilla u kompla l-Karnival spontanju.

Il-Kunsillier Fenech qal li saret kompetizzjoni għal aħjar sett ta' ritratti tal-Karnival. Din giet irreklamata fuq il-pagna ufficjali tal-facebook tal-kunsill. L-ewwel premju kien ta' Eur75. Il-Kunsillier Fenech spjega li

kien hemm zewg partecipanti u spjega li jekk il-Kunsill jaghti l-approvazzjoni tieghu jixtieq li lil min gie kklassifikat fit-2 post jinghatalu premju ta’ Eur25. Hadd m’ oggezzjona ghal dan.

Il-Kunsillier Fenech qal li l-ahjar sett ta’ ritratti kien ta Ian Vella, filwaqt li Clint Spiteri gie kklassifikat fit-tieni post. Il-Kunsilliera Rose Agius xtaqet tara r-ritratti u l-Kunsillier Fenech uriha uhud mir-ritratti.

Is-Segretarju staqsiet min kien jaf biha din il-kompetizzjoni għax fuq il-mejda tal-Kunsill din ma ġietx diskussa w dan ma setgħax isir mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sinjura Agius staqsiet lil Kunsillier Fenech biex jghidilha x’kienet din ghax ma kienet taf xejn biha.



Is-Sindku u l-Kunsillier Schembri ikonfermaw li saru jafu biha minn fuq facebook. Il-Kunsillier Fenech spjega li din il-kompetizzjoni kienet imnedija fuq facebook is-Sibt l-1 ta’ Marzu filoghdu kmieni. Spjega wkoll li fil-post ta facebook huwa ttegja numru ta’ fotografi biex ikunu nfurmati biha. Minbarra minnhekk matul l-istess perjodu l-pagna ufficjali tal-kunsill ta facebook kellha izjed minn 18,000-il elf reach. Huwa spjega wkoll li wasal ghall-konkluzjoni li jaghmel kompetizzjoni u mhux iqabbad lil xi hadd dirett minhabba li ma kellux cans jigbor kwotazzjonijiet minn qabel. Rigward il-premju huwa spjega li wasal ghal dak l-ammont meta kkunsidra lanqas ammont li fotografu setgha jiccargja ta’ 3 serati fotografija.

7. **<u>Suġġerimenti mill-Kunsilliera</u>**.

1. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinxtara kompactor li jiswa €130 minħabba li t-tarmak jinqala’ jekk dan ma jintużax il-kompactor fuqhu. Il-Viċi Sindku qal li meta hu kien Sindku kien ġab kompactor mingħand il-Kuntrattur tal-patching Giovan. Il-Kunsill qabel li jinxtara dan il-kompactor.

2. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinxtraw 100 borża tarmak. Il-Kunsill qabel.

3. Is-Sur Abela qal li hemm il-ħtieġa li jinxtraw 8 biċċiet ta’ sleeping police minħabba li f’ċertu toroq hemm biċċiet neqsin. Il-Kunsill qabel.

4. Il-Viċi Sindku qal li Triq Gius. Demicoli hemm żewġ biċċiet neqsin ta’ Sleeping Police. Il-Kunsill qabel li dawn isiru.

5. Is-Sindku qal li Triq St. Marija hemm ħtieġa li jsir patching għax hemm hafna toqob. Il-Kunsill qabel.

6. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jikteb lil Malta Records biex il-Kunsill jipparteċipa għal dan ir-rekord. Il-Kunsill qabel.

7. Is-Sindku qal li wasal iż-żmien li jinħatar sotto-kumitat għall-attivitajiet ta' "Jum Ħal Għaxaq". Il-Kunsillier Fenech u l-Kunsillier Schembri qalu li flimkien mas-Sindku jixtiequ jkunu f'dan is-Sotto-Kumitat.



8. Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva e-mail biex jissewwew il-qtates. Is-Segretarju qalet li biex dan isir, il-Kunsill irid jaqbad dawn il-qtates u jirranġa ma' *vet* biex dan iwettaq dan ix-xogħol.

9. Is-Sindku qal li fis-*Central Strip* li hemm fi Triq Tumbarellu hemm żewġ siġriet li hu xtaq li jinqalgħu w jitħawwlu fi Triq il-Ħareb fejn wara jagħmel żewġ filati ġebel biex in-nies ma jitfgħux skart.

   Il-Viċi Sindku qal li dawn is-siġar huma responsabilta' ta' *Transport Malta* w tinħtieġ spiża kbira biex dan isir. Fakkar lis-Sindku li l-Bypass m'għandniex x'naqsmu magħha bħala Kunsill.

10. Il-Viċi Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jsiru żewġ tabelli fil-ġnub taż-*zebra cross* li hemm Triq San Filippu. Il-Kunsill qabel.

11. Is-Sindku qal li fi Triq it-Terħa hemm il-ħtieġa li jsiru 3 tabelli "*No Heavy Vehicles*". Il-Kunsill qabel.

12. Il-Kunsilliera Schembri qalet li se torganizza *Story telling* fl-iskola li se jibda fit-2 ta' April kif ukoll *Internet Safety.* Il-Kunsill qabel.

13. Il-Kunsillier Agius qalet li hemm il-ħtieġa li niktbu lil *Transport Malta* biex dik il-biċċa *Central Strip* li hemm faċċata kif tidħol fil-Bypass meta titla' minn ħdejn it-turretta biex din titneħħa għax qeda hemm bla użu. Il-Kunsill qabel.

14. Il-Kunsilliera Agius staqsiet il-ħaddiema li l-Kunsill għandhu assenjat miegħu x'qed jagħmlu għax fi "Ġnien il-Kunsill" hemm ħafna ħaxix twil li ilu ma jinqatgħa. Is-Sindku qal li se jieħu ħsieb.

15. Il-Viċi Sindku qal li fi "Ġnien il-Kunsill" hemm siġra taż-Żebbug li mietet u tista' titneħħa. Il-Kunsill qabel.

16. Is-Sinjura Agius qalet li hemm il-ħtieġa li nerġgħu niktbu lil *Transport Malta* biex isiru *Traffic Lights* kif toħroġ għal Bypass minn Triq Tumbarellu. Is-Segretarju qalet li dawn diġa' intalbu w ġew rifjutati li jsiru minn *Transport Malta* iżda qalet ukoll li se terġa' tikteb. Il-Kunsill qabel.

17. Is-Sinjura Agius kompliet tgħid li fil-Bypass hemm il-ħtieġa li jsir *Speed Limit* minħabba l-aċċidenti tal-karozzi li qed isiru. Saret diskussjoni biex jaraw x'hinu l-aħjar li jsir biex titnaqqas il-veloċita' tas-sewqan fil-Bypass.



18. Il-Viċi Sindku staqsa x'se jagħmel is-Sindku dwar il-funtana li hemm fi "Ġnien il-Kunsill" għax qal li l-muturi li hemm fiha se jiġġamjaw jekk din ma tintużax. Is-Sindku qal li l-ħaddiema tal-IPSL li kienu assenjati mal-Kunsill spiċċaw u għaldaqstant ma setgħux ikomplu x-xogħol.

    Il-Kunsillier Fenech qal li l-aħjar din il-funtana tinxtegħelelħel jekk fiha l-ilma tax-xita biex il-muturi tal-ilma ma jiġġamjawx.

19. Is-Sindku qal li jeħtieġ li jitwaħħlu l-kameras f'żoni differenti bħal "Ġnien il-Kunsill" u fuq Santu Rokku.

    Il-Kunsillier Fenech qal li fejn "Ġnien il-Kunsill" hemm diġa' żewġ *cameras* u l-aħjar naraw jekk dawn jaħdmux.

    Il-Viċi Sindku qal li fuq Santu Rokku wkoll hemm *cameras* u l-aħjar is-Sindku jqabbad lil xi ħadd jara liema *cameras* għadhom jaħdmu w liema ma jaħdmux qabel ma jsiru *cameras* ġodda. Sar qbil ukoll li l–ewwel tinġieb kwotazzjoni biex jissewwew dawk li hemm diġa' qabel ma jsiru l-ġodda. Il-Kunsill qabel.

**8. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fid-9.00pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn, 24 ta Marzu 2014, fil-5.00pm.

| | |
|---|---|
| Darren Abela | Therese Xuereb |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

Ikkonfermati:- it-Tnejn 24 ta’ Marzu, 2014,  fis-6.00pm


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt